



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 10 ta' Lulju 2024
(OR. en)

11600/24
PV CONS 40
AGRI 541
PECHE 264

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Agrikoltura u Sajd)
24 ta' Ġunju 2024

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 11159/24.

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

SAJD

2. **Komunikazzjoni dwar is-Sajd sostenibbli fl-UE: l-istat attwali u orjentazzjonijiet għall-2025** 10679/24

*Preżentazzjoni mill-Kummissjoni
Skambju ta' fehmiet*

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni tal-Kummissjoni tal-komunikazzjoni tiegħu dwar "is-Sajd sostenibbli fl-UE: l-istat attwali u orjentazzjonijiet għall-2025" u kellu skambju ta' fehmiet.

3. **Approvazzjoni tal-punti "A"**

(a) **Lista mhux leġiżlattiva** 11413/24

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument hawn fuq, inkluż id-dokumenti COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

Dikjarazzjoni dwar dawn il-punti tinsab fl-Addendum.

(b) **Lista leġiżlattiva** (deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea) 11414/24

Agrikoltura u Sajd

1. **Deċiżjoni dwar il-Kumitat Forestjarju Permanenti** 10896/24 + ADD 1 *Approċċ ġenerali* + COR 1 approvat mill-Coreper, Parti 1, fl-14 ta' Ġunju.2024 FORETS

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar it-test ta' kompromess propost mill-Presidenza.

Dikjarazzjoni dwar dan il-punt tinsab fl-Anness.

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

AGRIKOLTURA

4. Konklużjonijiet dwar il-futur tal-agrikoltura fl-UE 11247/24
Approvazzjoni

Affarijiet oħra

5. (a) **L-impatt tal-azzjonijiet tar-Russja fil-Baħar Baltiku u fuq is-suq uniku tal-UE**  11392/24
Informazzjoni mid-delegazzjoni Estonjana, Latvjana, Litwana u dik Żvediża

Il-Kunsill ħa nota tat-tagħrif ipprovdut mid-delegazzjoni Estonjana, Latvjana, Litwana u dik Żvediża kif tinsab fid-dokument hawn fuq dwar l-impatt tal-azzjonijiet tar-Russja fil-Baħar Baltiku u fuq is-suq uniku tal-UE. Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-kummenti tal-Kummissjoni u tad-delegazzjonijiet.

- (b) L-iżvilupp futur tar-relazzjonijiet tas-sajd bejn l-Unjoni Ewropea u n-Norveġja 11266/1/24 REV 1
Informazzjoni mid-delegazzjoni Ġermaniża, f'isem id-delegazzjoni Belġjana, Ġermaniża, Estonjana, Franċiża, Irlandiża, Latvjana, Netherlandiża, Pollakka, Portugiża u dik Żvediża

- (c) **Proposti leġiżlattivi attwali** 
(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

- (i) **Regolament li jstabbilixxi qafas għall-monitoraġġ tal-foresti Ewropej reżiljenti - sitwazzjoni attwali** 10843/24

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mogħtija mill-Presidenza dwar il-progress tax-xogħol dwar il-proposta għal Regolament dwar qafas għall-monitoraġġ tal-foresti Ewropej reżiljenti.

Il-Kunsill ħa wkoll nota tal-kummenti li saru minn xi delegazzjonijiet dwar dan is-suġġett, kif ukoll tal-intervent mill-Kummissjoni.

(ii) Regolament dwar il-materjal riproduttiv tal-pjanti - sitwazzjoni attwali

11142/24

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mogħtija mill-Presidenza dwar il-progress tax-xogħol dwar il-proposta għal Regolament dwar il-materjal riproduttiv tal-pjanti.

Il-Kunsill ħa wkoll nota tal-kummenti li saru minn xi delegazzjonijiet dwar dan is-suġġett, kif ukoll tal-intervent mill-Kummissjoni.

(iii) Regolament dwar il-materjal riproduttiv tal-foresti - sitwazzjoni attwali

11145/24

Il-punt 5 (c) (iii) ġie ttrattat flimkien mal-punt 5 (c) (ii)

(iv) Regolament dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport - sitwazzjoni attwali

11420/24

Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mogħtija mill-Presidenza dwar il-progress tax-xogħol fuq il-proposta għal Regolament dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport.

Il-Kunsill ħa wkoll nota tal-kummenti li saru minn xi delegazzjonijiet dwar dan is-suġġett, kif ukoll tal-intervent mill-Kummissjoni.

(d) Simpożju: Esperjenzi u perspettivi dwar sistemi ta' tikkettar dwar in-nutrizzjoni fuq l-imballaġġ (Brussell, 25 ta' April 2024) - riżultati
Informazzjoni mill-Presidenza

 11109/24

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mogħtija mill-Presidenza dwar l-eżitu tas-simpożju dwar esperjenzi u perspettivi dwar sistemi ta' tikkettar dwar in-nutrizzjoni fuq l-imballaġġ.

Il-Kunsill ħa wkoll nota tal-kummenti li saru minn xi delegazzjonijiet dwar dan is-suġġett, kif ukoll tal-intervent mill-Kummissjoni.

- (e) **Introduzzjoni tal-eliġibbiltà tan-nefqa relatata max-xiri ta' annimali għat-tnissil skont il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK**
Informazzjoni mid-delegazzjoni Rumena

 10168/24 + COR 1

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mogħtija mid-delegazzjoni Rumena. Ħa wkoll nota tal-kummenti li saru minn xi delegazzjonijiet dwar dan is-suġġett, kif ukoll tal-intervent mill-Kummissjoni.

- (f) **Miżuri għall-prevenzjoni ta' telf ta' fondi u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv fil-ġestjoni tal-fondi tal-FAEŻR**
Informazzjoni mid-delegazzjoni Bulgara f'isem id-delegazzjoni Bulgara, Ċeka, Griega, Litwana, Rumena u dik Slovakka

 11217/24

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mogħtija mid-delegazzjoni Bulgara f'isem id-delegazzjoni Bulgara, Ċeka, Griega, Litwana, Rumena u dik Slovakka. Ħa nota wkoll tal-kummenti tad-delegazzjonijiet kif ukoll tal-intervent tal-Kummissjoni.

- (g) **Talba biex titneħħa jew tiżdied il-limitazzjoni tal-miżuri ta' għajnuna mill-Istat għal kull kumpanija fil-produzzjoni agrikola primarja skont il-Qafas Temporanju ta' Kriżi u ta' Tranżizzjoni**
Informazzjoni mid-delegazzjoni Bulgara f'isem id-delegazzjoni Bulgara u dik Rumena, appoġġati mid-delegazzjoni Pollakka

 11353/24

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mogħtija mid-delegazzjoni Bulgara f'isem id-delegazzjoni Bulgara u Rumena u bl-appoġġ tad-delegazzjoni Pollakka. Ħa nota wkoll tat-tweġiba tal-Kummissjoni u l-kummenti li saru minn xi delegazzjonijiet.

(h) Ħsara sinifikanti mġarrba f'żoni agrikoli minħabba kundizzjonijiet ħżiena tat-temp
Informazzjoni mid-delegazzjoni Kroata

[2] 11319/24

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mogħtija mid-delegazzjoni Kroata. Ħa nota wkoll tat-tweġiba tal-Kummissjoni u l-kummenti li saru minn xi delegazzjonijiet.



L-ewwel qari



Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)



Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

DIKJARAZZJONIJIET GĦALL-PUNTI LEĠIŻLATTIVI "A" LI JINSABU FID-DOK.**11414/24****Dwar il-punt "A"
nru 1:****Deċiżjoni dwar il-Kumitat Forestjarju Permanenti**
*Approċċ ġenerali***DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI**

"Il-Kummissjoni tesprimi tħassib serju dwar l-Approċċ Ġenerali fir-rigward tal-bidliet li jitfgħu dubju fuq l-għan u l-iskop tal-proposta. B'mod partikolari, tliet bidliet jibdlu l-proposta tal-Kummissjoni u għalhekk huma linji ħomor għalina. Il-Kummissjoni tittama li t-tħassib ewlieni tagħha jista' jiġi rettifikat matul il-proċedura leġiżlattiva, inkella l-Kummissjoni jkollha tikkunsidra jekk tirtirax il-proposta tagħha jew le.

L-ewwel nett, Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni għandu skop konsultattiv. F'konformità mal-prinċipju tal-awtonomija istituzzjonali u amministrattiva u l-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet tal-2016, il-Kummissjoni hija intitolata tiddeċiedi jekk u meta tikkonsulta l-esperti skont is-suġġetti li teħtieġ il-pariri dwarhom, ħlief għat-tħejjija ta' abbozzi ta' atti delegati.

It-tieni, il-Kummissjoni tiddeċiedi internament dwar liema servizzi se jirrappreżentawha, u tali deċiżjoni toħroġ mill-awtonomija istituzzjonali u amministrattiva tagħha.

It-tielet, il-Kummissjoni tenfasizza li ma tistax u ma għandhiex l-intenzjoni li timponi fuq l-Istati Membri liema rappreżentanti għandhom jattendu. Madankollu, il-kompożizzjoni tal-grupp għandha tiżgura li jkun jista' jaqdi r-rwol u l-mandat maħsub tiegħu sabiex ikun jista' jipprovdi l-għarfien espert meħtieġ lill-Kummissjoni direttament fil-laqgħat tal-esperti. Dan għandu jkopri l-kwistjonijiet ta' politika rilevanti kollha tal-UE li għandhom x'jaqsmu mal-foresti u l-forestrija inkluż l-implimentazzjoni u s-segwitu tal-Istrateġija tal-UE għall-Foresti għall-2030. Dan mhux biss jappoġġa lill-Kummissjoni biex tiżgura l-koerenza u l-konsistenza fit-tfassil tal-politika relatata iżda jsaħħaħ ukoll il-Kumitat Forestrarju Permanenti (SFC) bħala korp konsultattiv ċentrali dwar kwistjonijiet relatati mal-foresti u l-forestrija, li jippermetti lill-Istati Membri jesprimu l-fehmiet tagħhom bis-sħiħ.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tosserva wkoll li l-isem ta' "kumitat" għandu jiġi evitat u sostitwit bi "grupp ta' esperti", għal raġunijiet ta' regolamentazzjoni aħjar, ċarezza u konsistenza. Jekk id-deċiżjoni tal-Kunsill tal-1989 titħassar, il-grupp stabbilit b'din id-Deċiżjoni huwa Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni li għandu jiġi stabbilit mill-Kummissjoni."